# Ġabra tal-ġurisprudenza

**Kawża C-87/22**

**TT**
**vs**
**AK**

(talba għal deċiżjoni preliminari, imressqa mil-Landesgericht Korneuburg)

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba’ Awla) tat-13 ta’ Lulju 2023**

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ġurisdizzjoni fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri – Regolament (KE) Nru 2201/2003 – Artikoli 10 u 15 – It-Trasferiment għal qorti li tinstab f’post aħjar sabiex jinstema’ l-każ – Kundizzjonijiet – Qorti tal-Istat Membru fejn il-minuri tneħħa illegalment – Konvenzjoni ta’ Den Haag 1980 – Interessi superjuri tal-minuri”

1. *Kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji ċivili – Ġurisdizzjoni, rikonoxximent u eżekuzzjoni tas-sentenzi fil-qasam matrimonjali u fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri – Regolament Nru 2201/2003 – Ġurisdizzjoni fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri – It-Trasferiment għal qorti li tinstab f’post aħjar sabiex jinstema' l-każ – Kamp ta’ applikazzjoni – Rinviju f’każ ta’ ħtif ta’ minuri – Rinviju mwettaq mill-qorti li għandha ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 10 ta’ dan ir-regolament lil qorti tal-Istat Membru ta’ tneħħija kontra l-minuri – Inklużjoni*
   *(Regolament tal-Kunsill Nru 2201/2003, Artikoli 10 u 15(1)(b))*

(ara l-punti 40 sa 43, 45 sa 51, 55 u d-dispożittiv 1)

2. *Kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji ċivili – Ġurisdizzjoni, rikonoxximent u eżekuzzjoni tas-sentenzi fil-qasam matrimonjali u fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri – Regolament Nru 2201/2003 – Ġurisdizzjoni fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri – It-Trasferiment għal qorti li tinstab f’post aħjar sabiex jinstema' l-każ – Kundizzjonijiet – talba għal ritorn ibbażata fuq il-Konvenzjoni ta’ Den Haag tal-1980, li ma kinitx is-suġġett ta’ deċiżjoni definittiva*
   *(Regolament tal-Kunsill Nru 2201/2003, Artikolu 15(1)(b))*

(ara l-punti 72, 57 sa 59, u d-dispożittiv 2)

3. *Kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji ċivili – Ġurisdizzjoni, rikonoxximent u eżekuzzjoni tas-sentenzi fil-qasam matrimonjali u fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri – Regolament Nru 2201/2003 – Ġurisdizzjoni fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri – It-Trasferiment għal qorti li tinstab f’post aħjar sabiex jinstema’ l-każ – Kunċett ta’ qorti f’pożizzjoni aħjar – Kriterji ta’ evalwazzjoni – Valur miżjud reali u konkret tar-riferiment*

MT

*għall-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar il-minuri – Riskju li l-ġenitur li jitlob ir-ritorn tal-minuri jiġi mċaħħad mill-possibbiltà li jsostni l-argumenti tiegħu b'mod effettiv – Adozzjoni ta' miżuri provviżorji ta' emerġenza mill-qorti f'pożizzjoni aħjar – Skadenza tat-terminu ta' sitt ġimgħat wara t-tressiq ta' talba għal ritorn ibbażata fuq il-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980 u dewmien sostanzjali sabiex tingħata deċiżjoni dwar din it-talba*
*(Regolament tal-Kunsill Nru 2201/2003, Artikolu 15)*

(ara l-punti 63, 64, 66 sa 69)

**Sunt**

TT u AK, ċittadini Slovakki, huma l-ġenituri ta' V u M, imwielda fis-Slovakkja fl-2012. Fl-2014, il-familja stabbilixxiet ruħha fl-Awstrija. TT u AK isseparaw ruħhom fl-2020 u AK ħa t-tfal li jgħixu magħha fis-Slovakkja, mingħajr il-kunsens ta' TT. Huwa għalhekk ressaq quddiem qorti Slovakka talba għar-ritorn tal-minuri skont il-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980[1]. Fl-istess ħin, huwa ppreżenta rikors quddiem qorti Awstrijaka sabiex jingħata l-kustodja esklużiva taż-żewġt itfal. AK adixxa lil din l-istess qorti sabiex din titlob lil qorti Slovakka tiddikjara li għandha ġurisdizzjoni fil-qasam tad-dritt ta' kustodja tal-minuri skont ir-Regolament Nru 2201/2003[2],[3], fejn argumentat li l-qrati Slovakki ser ikunu f'pożizzjoni aħjar sabiex jiddeċiedu dwar il-kwistjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri fir-rigward taż-żewġt itfal.

Il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-ġurisdizzjoni sabiex tittieħed konjizzjoni tal-kustodja tal-minuri tistax tiġi ttrasferita, skont ir-Regolament Nru 2201/2003[4], lil qorti tal-Istat Membru li fih il-minuri stabbilixxa r-residenza abitwali tiegħu wara tneħħija illegali u jekk il-kundizzjonijiet previsti għal tali trasferiment għandhomx natura eżawrjenti.

Adita minn din il-qorti, il-Qorti tal-Ġustizzja tagħmel preċiżazzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet li fihom il-qorti ta' Stat Membru li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi fuq il-mertu ta' kawża fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri skont l-Artikolu 10 ta' dan ir-regolament tista' eċċezzjonalment titlob ir-rinviju, previst fl-Artikolu 15(1)(b) tal-imsemmi regolament, lil qorti tal-Istat Membru li fih dan il-minuri tneħħa illegalment minn wieħed mill-ġenituri tiegħu.

*Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

Ir-regoli ta' ġurisdizzjoni fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri li jinsabu fir-Regolament Nru 2201/2003 ġew maħsuba bl-għan li jissodisfaw l-aħjar interess tal-minuri u, għal dan l-għan, jiffavorixxu l-kriterju ta' prossimità. Għalhekk, regola ta' ġurisdizzjoni ġenerali hija stabbilita[5] favur qrati tal-Istat Membru li fih il-minuri għandu r-residenza abitwali tiegħu fil-mument meta l-qorti tiġi adita. Madankollu, din ir-regola tapplika[6] bla ħsara, b'mod partikolari, għall-Artikolu 10 ta' dan ir-regolament, li jagħti l-ġurisdizzjoni lill-qrati tal-Istat Membru li fih

[1] Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali tal-Minuri, iffirmata f'Den Haag fil-25 ta' Ottubru 1980.

[2] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 243, rettifika fil-ĠU 2013, L 82, p. 63). L-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 2201/2003 jipprevedi l-possibbiltà, eċċezzjonalment, għall-qrati ta' Stat Membru li jkollhom ġurisdizzjoni sabiex jieħdu konjizzjoni tal-mertu ta' kawża li jittrasferixxu din il-kawża jew parti speċifika tagħha lil qorti ta' Stat Membru ieħor li l-minuri jkollu konnessjoni partikolari miegħu, jekk din tal-aħħar tkun f'pożizzjoni aħjar sabiex tieħu konjizzjoni tagħha, u meta dan ikun fl-aħjar interessi tal-minuri.

[3] B'mod partikolari fl-Artikolu 15(1) (b), (2) (a) u (5) ta' dan ir-regolament.

[4] Skont l-Artikolu 15(1)(b) ta' dan ir-regolament:

[5] Konformement mal-Artikolu 8(1) ta' dan ir-regolament:

[6] Konformement mal-Artikolu 8(2) ta' dan ir-regolament:

il-minuri kellu r-residenza abitwali tiegħu immedjatament qabel it-tneħħija jew iż-żamma illegali tiegħu. Din id-dispożizzjoni, li timplimenta l-għan intiż li jiskoraġġixxi t-tneħħija jew iż-żamma illegali ta' minuri bejn Stati Membri, għandha l-għan li tinnewtralizza l-effett li l-applikazzjoni tar-regola ta' ġurisdizzjoni ġenerali twassal f'każ ta' tneħħija illegali tal-minuri ikkonċernat, jiġifieri t-trasferiment tal-ġurisdizzjoni lejn l-Istat Membru li fih dan il-minuri jkun kiseb residenza abitwali ġdida wara t-tneħħija jew iż-żamma illegali.

Barra minn hekk, l-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 2201/2003 jipprevedi mekkaniżmu ta' kooperazzjoni li jippermetti lill-qorti ta' Stat Membru, li jkollha ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni tal-kawża, tipproċedi, b'mod eċċezzjonali, għar-rinviju tal-kawża lil qorti ta' Stat Membru ieħor, bil-kundizzjoni li din tal-aħħar tiddikjara li għandha ġurisdizzjoni f'terminu ta' sitt ġimgħat. Il-possibbiltà li jintalab ir-rinviju teżisti wkoll favur qorti li l-ġurisdizzjoni tagħha hija bbażata fuq l-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 2201/2003, u ma huwiex eskluż li r-rinviju jsir lil qorti tal-Istat Membru li fih il-minuri kkonċernat tneħħa illegalment minn wieħed mill-ġenituri tiegħu. Fil-fatt, l-aħjar interess tal-minuri, wieħed mill-għanijiet imfittxija mir-Regolament Nru 2201/2003, jikkostitwixxi kunsiderazzjoni primarja, u r-rinviju inkwistjoni għandu jservi. Għalhekk ma huwiex kuntrarju għall-għanijiet imfittxija mir-Regolament Nru 2201/2003 jekk qorti li għandha ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri abbażi tal-Artikolu 10 ta' dan ir-regolament tkun tista' titlob ir-rinviju tal-kawża mressqa quddiemha lil qorti ta' Stat Membru ieħor fejn il-minuri ikkonċernat tneħħa illegalment minn wieħed mill-ġenituri tiegħu.

Madankollu, ir-rinviju inkwistjoni jista' jiġi mistoqsi biss jekk jiġu ssodisfatti[7] tliet kundizzjonijiet kumulattivi u eżawrjenti, jiġifieri jekk ikun hemm "rabta partikolari" bejn il-minuri u Stat Membru ieħor, jekk il-qorti li għandha ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni tal-mertu ta' kawża tqis li qorti ta' dan l-Istat Membru ieħor tkun "f'pożizzjoni aħjar" sabiex tieħu konjizzjoni tal-kawża u jekk ir-rinviju jservi l-aħjar interess tal-minuri kkonċernat, fis-sens li ma hemmx riskju li jkun hemm effett detrimentali fuq is-sitwazzjoni ta' dan tal-aħħar. L-eżistenza ta' talba għal ritorn ibbażata fuq il-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980, li ma kinitx is-suġġett ta' deċiżjoni definittiva fl-Istat Membru li fih il-minuri kkonċernat tneħħa illegalment minn wieħed mill-ġenituri tiegħu, ma tistax tostakola r-riferiment inkwistjoni, iżda din iċ-ċirkustanza għandha tittieħed inkunsiderazzjoni fl-analiżi tal-osservanza tal-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex dan isir.

F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, il-fatt li l-minuri huwa ċittadin ta' Stat Membru huwa wieħed mill-kriterji li jippermettu li jitqies li huwa għandu "rabta partikolari" ma' dan l-Istat Membru.

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kundizzjoni li l-qorti li lejha huwa maħsub li jsir ir-rinviju għandha tkun "f'pożizzjoni aħjar" sabiex tieħu konjizzjoni tal-kawża, il-qorti li għandha ġurisdizzjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni diversi elementi. Qabelxejn, ir-rinviju għandu jkun ta' natura li jipprovdi valur miżjud reali u konkret għall-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar il-minuri, meta mqabbel mal-ipoteżi taż-żamma tal-kawża quddiem il-qorti li għandha ġurisdizzjoni. Dan huwa l-każ, *inter alia*, meta l-qorti li lejha huwa maħsub li twettaq it-trasferiment tkun adottat, fuq talba tal-partijiet fil-kawża prinċipali u skont ir-regoli ta' proċedura applikabbli, numru ta' miżuri provviżorji ta' urġenza bbażati, b'mod partikolari, fuq l-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 2201/2003. Sussegwentement, dan ir-rinviju ma jistax iwassal għar-riskju manifest li l-ġenitur li jitlob ir-ritorn tal-minuri jiġi mċaħħad mill-possibbiltà li jsostni l-argumenti tiegħu b'mod effettiv quddiem il-qorti li lejha huwa previst li jsir dan ir-rinviju. Fl-aħħar nett, meta talba għal ritorn ibbażata fuq il-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980 tkun tressqet quddiem l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih il-minuri ikkonċernat ikun tneħħa illegalment, ebda qorti ta'

[7] Elenkati, b'mod eżawrjenti, fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 2201/2003.

dan l-Istat Membru ma tista' titqies li hija "fl-aħjar pożizzjoni" sabiex tieħu konjizzjoni tal-kawża qabel ma jkun skada t-terminu ta' sitt ġimgħat, previst għat-teħid ta' deċiżjoni dwar it-talba għar-ritorn tal-minuri[8]. Barra minn hekk, id-dewmien sostanzjali tal-qrati tal-imsemmi Stat Membru sabiex jiddeċiedu dwar din it-talba jista' jikkostitwixxi element kontra l-konstatazzjoni li dawn il-qrati jkunu f'pożizzjoni aħjar sabiex jiddeċiedu dwar il-mertu tad-dritt ta' kustodja. Fil-fatt, wara li jkunu ġew informati bit-tneħħija illegali ta' minuri, il-qrati tal-Istat kontraenti li fit-territorju tiegħu tneħħa l-minuri ma jistgħux jiddeċiedu fuq il-mertu tad-dritt ta' kustodja sakemm jiġi stabbilit li, b'mod partikolari, il-kundizzjonijiet għar-ritorn tal-minuri ma humiex issodisfatti[9].

Fit-tielet u l-aħħar lok, fir-rigward tal-kundizzjoni dwar l-aħjar interess tal-minuri, l-evalwazzjoni tagħha ma tistax tinjora l-impossibbiltà temporanja tal-qrati tal-Istat Membru li fih il-minuri tneħħa illegalment minn wieħed mill-ġenituri tiegħu li jadotta deċiżjoni fuq il-mertu tad-dritt ta' kustodja, konformi ma' dan l-interess, qabel ma l-qorti ta' dan l-Istat Membru, adita bit-talba għar-ritorn ta' dan il-minuri, tkun, tal-inqas, iddeċidiet dwarha.

8 Previst fl-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980 u fl-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 2201/2003.

9 L-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980 jistabbilixxi: